MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 413/2000/1

**Georgina Schembri mart Dino Schembri u b'digriet tal-Qorti tat-22 ta' Awissu 2000 giet nominata kuratrici *ad litem* biex tirrapprezenta lil binha minuri Cody.**

**vs**

**Dino Schembri**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-konvenut, mhuwiex qieghed imantni lill-attrici martu u lil binhom minuri Cody, kif obbligat li jaghmel skond il-ligi u kif fil-fatt jista'.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundannah ihallas lill-attrici, ghaliha u ghall-imsemmi binhom minuri Cody, dik ir-retta alimentari, li tigi stabbilita minn din il-Qorti, bil-modalita’ ta’ hin, lok u gurnata, li tigi wkoll stabbilita.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici Georgina Schembri datat 3 ta’ Marzu 2000 fejn talbet li tigi mahtura kuratrici *ad litem* tal-imsemmi binha minuri Cody, fl-atti tac-citazzjoni u fl-atti l-ohra relattivi sussegwenti.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn ordnat in-notifika lill-konvenut b’erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-rikors tal-konvenut Dino Schembri datat 13 ta’ April 2000 fejn talab estensjoni ta’ zmien ghall-prezentata tar-risposta tieghu.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn estendiet iz-zmien ghall-istess prezentata tar-risposta tal-konvenut sal-15 ta’ Gunju 2002.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn fin-nuqqas ta’ risposta, laqghet it-talba u appuntat lill-attrici kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Rat il-verbali tal-31 ta’ Ottubru 2000 fejn l-attrici nfurmat lill-Qorti li hemm possibilta’ ta’ separazzjoni konsenswali; tal-14 ta’ Frar 2001; tal-25 ta’ April 2001; tat-3 ta’ Lulju 2001; tat-30 ta’ Ottubru 2001; tat-13 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-15 ta’ Mejju 2002; u tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Kenneth Cutajar ghall-attrici nforma lill-Qorti li

tranzazzjoni ma sehhitx, u nghata digriet affidavit attrici b’terminu ta’ hamsin (50) gurnata.

Rat in-nota tal-attrici tal-14 ta’ Awissu 2002 li permezz taghha esebiet affidavit u xi dokumenti.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Ottubru 2002 fejn Dr. Kenneth Cutajar ghall-attrici filwaqt li ddikjara li m’ghandux provi aktar, u li mill-provi jirrizulta li l-konvenut huwa dizokkupat, talab li l-kawza tithalla ghas-sentenza. Il-kawza fil-fatt giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta’ Novembru 2002.

Rat li minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh baqa’ ma pprezenta ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa’ kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-obbligi ta’ manteniment tal-konjugi huma regolati bl-**artikolu 3 tal-Kap 16** li jipprovdi li :-

*“Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lill-xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja.”*

Illi skond l-**Artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:

“*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied*.”

Illi skond **l-artikolu 7 (1) tal-istess Kap 16** jinghad li:-

“*Il-grituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta’ dan il-Kodici*.”

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-ġenituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond **l-Artikolu 2 tal-Kap 16** "*jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom*."

Illi certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, anke fil-kazijiet bhal dak odjern ta' ***pendente lite***, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet tal-**Artikolu 20** tal-istess Kap, u l-bzonnijiet tal-istess minuri, u fl-interess tal-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet tal-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-genituri *verso* l-istess ulied, specjalment ghall-manteniment tal-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** tal-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lill-xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Mejju 1999 u kellhom tifel Cody li twieled fil-21 ta' Ottubru 1999. Jidher li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali, fejn huma kienu jghixu ma' omm l-attrici u hutha, f'Jannar 2000 u f'dak iz-zmien kien jahdem ma' Bonnici Group ta' Burmarrad bhala *sprayer.*

Illi jidher li l-konvenut kien hallas lill-attrici ghal binhom ir-rata alimentari ghall-minuri ta' Lm25 fil-gimgha biss u dan

il-pagament ghamlu b'kollox sitt (6) darbiet, u fil-fatt mindu abbanduna d-dar hallas ghall-istess minuri biss pagament darba biss ta' Lm25.

Illi skond ma sostniet l-attrici l-konvenut kien telaq mix-xoghol minn ma Bonnici Group u beda jahdem *offshore* l-Olanda, gimaghtejn xoghol u gimgha Malta, u kien qal lill-attrici kien kien jaqbad Lm800 fix-xahar bhala paga minghajr *bonus,* u dakinhar li qallha dak id-diskors kien taha ghaxar liri (Lm10) wara li hareg mazz liri mill-but. L-attrici tghix bl-assistenza socjali u tircievi Lm138.56 fix-xahar.

Illi jidher car li l-istess konvenut abbanduna l-familja tieghu u ghal kollox injora r-repsonsabilitajiet tieghu ta' missier lejn ibnu u martu u dan jidher li ghamlu, almenu mill-provi prodotti bhala kapricc tieghu, sitwazzjoni li ma ghandhiex tigi tollerata mill-ligi. Illi jidher ukoll li l-attrici hija l-unika persuna mill-kontendenti li hadet hsieb il-wild taghhom, u ma jidhirx mill-provi li l-konvenut qatt ta verament kaz taghha bhala martu jew lill-wild tieghu.

Illi mill-istorja tax-xoghol tal-istess konvenut jidher li l-istess konvenut kellu diversi mpjiegi u dan baqa' hekk sal-24 ta' Mejju 2002, u dan apparti li kellhu xoghol barra minn Malta, kif huwa stess stqarr mal-attrici; ir-rekord tieghu ta' xoghol jidher esebit a fol. 36 tal-process u *stante* li l-kawza nfethet fit-3 ta' Marzu 2000 l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jkun dikjarat li huwa obbligat li jhallas l-manteniment ghall-attrici u ghal binha u dan kemm ghall-perjodu tul il-mori ta' din il-kawza, fejn jirrizulta li l-konvenut kellu diversi mpjiegi, kemm ghall-iskop ta' fissazzjoni ta' manteniment skond li ghandu jsehh mal-ghoti ta' din is-sentenza u ghall-iskop din il-Qorti qed tiffissa r-rata ta' erbghin fil-mija (40%) minn kull introjtu kwalunkwe li l-konvenut kellu, ghandu jew jista' jkollu nkluz kull introjtu bhala paga, salarju, jew qliegh kwalunkwe frott tax-xoghol jew impjieg tieghu, pagabbli kull xahar bil-quddiem, u jekk applikabbli mnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, li ghandu jigi notifikat mill-attrici b'kopja legali ta' din is-sentenza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontimacja tal-konvenut **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghal binha minuri Cody, u dan b'effett mit-3 ta' Marzu 2000 rata alimentari ta' erbghin fil-mija (40%) minn kull introjtu kwalunkwe li l-konvenut kellu, jew ghandu jew jista' jkollu nkluz kull introjtu bhala paga, salarju, jew qliegh kwalunkwe frott tax-xoghol jew impjieg tieghu, anke jekk *self employed,* pagabbli l-istess rata ta' alimenti kull xahar bil-quddiem fir-residenza tal-attrici, u jekk applikabbli din il-Qorti tordna li tali rata ta' alimenti tigi mnaqqsa direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu, jew minn kull fonti iehor minn fejn jirrizulta l-istess introjtu tal-konvenut, b'dan li l-amministratur ta' tali fondi u/jew l-*employer* relattiv ghandu jigi notifikat mill-attrici b'kopja legali ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Novembru 2002**